MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2005

Appell Civili Numru. 562/2002/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited bhala agent u mandatarju tas-socjeta` estera CGU Insurance plc ta' Perth, Scotland kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghhom Brian Fsadni (Claim 014127)**

**vs**

**Anton Cuschieri u b' digriet tal-21 ta' Novembru, 2002, giet kjamata in kawza s-socjeta` Sullivan Maritime Limited**

**Il-Qorti,**

Fil-25 ta' Frar, 2005, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' April, 2002, fejn intalab il-hlas ta' elf u hames mitt lira Matija (Lm1500.00), rapprezentanti hsarat u nuqqasijiet f'konsenja ta' universal measuring system li wasal Malta fl-20 ta' Awissu, 2001 ghal liema danni l-konvenut huwa unikament responsabbli stante li huwa kien affidat bit-trasport u konsenja tal-imsemmija merkanzija;
Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-avviz kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut Anton Cuschieri, prezentata fl-14 ta' Mejju, 2002, fejn intqal Illi ghandhom jigu michuda t-talbiet attrici bl-ispejjez stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt minhabba s-segwenti ragunijiet:
a. Illi l-eccipjent ma jistax jigi ritenut responsabbli ghall-hsara jew nuqqasijiet fil-merkanzija, peress ii huwa ma kienx it-trasportatur. Ghalhekk ghandu jigi msejjah fil-kawza t-trasportatur ghal finijiet ukoll ta' l-ekonomija tal-gudizzju.
b. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, in-negozju li sehh bejn l-eccipjent u l-assigurat tas-socjeta` attrici kien semplici bejgh ta' *universal measuring system*, liema negozju sehh qabel ma giet trasportata l-merkanzija. Minn hemm il-quddiem kwalsiasi haga li ghamel l-eccipjent kien bhala mandatarju ta' Brian Fsadni.
c. Illi l-eccipjent fl-ebda hin ma assuma responsabbilta` li jaghmel tajjeb ghal xi nuqqasijiet ta' terzi.
d. Illi f'kull kaz u minghajr pregudizzju, id-danni reklamati qeghdin jigu kontestati.
Salv eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz.

Ra r-risposta tas-socjeta` kjamata in kawza Sullivan Maritime Limited prezentata fil-21 ta' Jannar, 2003, fejn intqal illi t-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta` Sullivan Maritime Limited huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante:
a. Illi l-esponenti ma ghandha ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici u/jew mal-assigurat taghha;
b. illi minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta` esponenti mhijiex responsabbli ghad-danni reklamati mill-attur;
c. salvi eccezzjonijiet ohra.

Illi b'digriet tal-31 ta' Mejju, 2002 it-Tribunal ordna l-kjamata in kawza ta' Sullivan Maritime Limited. Illi b'digriet tal-10 ta' Ottubru, 2002, gie revokat *contrario imperio* l-imsemmi digriet tal-kjamat in kawza peress li ma kienx sar tentattiv biex jigi notifikat. Illi b'digriet tal-21 ta' Novembru, 2002, fuq talba tal-konvenut it-Tribunal rega' ordna l-kjamata in kawza tas-socjeta` Sullivan Maritime Limited.

Illi b'digriet tas-6 ta' Mejju, 2003, fuq talba tal-konvenut gie kjamat in kawza Angelo Farrugia. Illi fit-3 ta' Gunju, 2003 il-konvenut irtira t-talba tieghu sabiex jigi kjamat in kawza Angelo Farrugia. Illi b'digriet tat-3 ta' Gunju, 2003 it-Tribunal irrevoka d-digriet tas-6 ta' Mejju, 2003 sabiex jigi kjamat in kawza Angelo Farrugia.

Semgha x-xhieda ta' Brian Fsadni, Saviour Ellul, Raymond Spiteri, Peter Bonello, Anton Cuschieri, Victor Gruppetta, Angelo Farrugia, Jonathan Mallia, Victor Zahra, Salvino Zammit. Ra l-affidavit ta' Gordon Axiaq. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra

1. Dan il kaz jirrigwarda hsarat u nuqqasijiet f'konsenja ta' Universal measuring system li waslet Malta fl-20 ta' Awissu 2001.
2. Il- konvenut qed jghid li mhux responsabbli peress li ma kienx hu it-trasportatur. Skond il-konvenut in-negozju li sehh bejnu u Brian Fsadni, l-assigurat tas-socjeta` attrici kien semplici negozju tal-bejh qabel ma giet trasportata l-merkanzija.
3. Is-socjeta' kjamata in kawza qed tghid li m'ghandha l-ebda relazjoni gjuridika la mas-socjeta` attrici u l-anqas ma l-assigurat taghha.
4. Brian Fsadni, l-assigurat tas-socjeta' attrici jghid illi meta ingiebet il-measuring system Malta, il-burdnar kien hadu dirett mill-vapur ghal garage tal-assigurat. L-istess Fsadni jghid li gibed l-attenzjoni tal-konvenut ghall-fatt li kien hemm kaxxa miftuha.

5. Jirrizulta illi l-apparat in kwistjoni huwa apparat delikat hafna u jintuza biex jitkejlu ic-chassis u l-upper body ta' karozza, u dan l-apparat jiswa madwar LM4500.
6. Jirrizulta illi fi 24 ta' Awissu 2001 kien sar survey u dana kif jirrizulta a fol 23 tal-process liema survey kien sar minn Saviour Ellul. Ellul ikkonferma ukoll is-survey datat 11 ta' Settembru 2001 Doc B kif ukoll is-survey ta' 17 ta'Ottubru 2001, doc C.
7. Skond is-survey tal-24 ta' Awissu 2001 gie nnutat is-segwenti « We were informed that on delivery the timber packing case was noted to be open and damaged. We noted that the edges of the case was splintered in some places and some nails were sheared off ». Fl-istess rapport jinghad hekk « the damage to the packing case indicates that this was probably forced open at some point or that it received a jolt and then somebody took the opportunity to continue opening it ».
8. L-engineer Raymond Spiteri kien inkarigat mis-socjeta' attrici biex jghamel survey. Dan sar fl-24 ta'Awissu 2001 fol. 40 u fol. 41 tal-process. F'dan is-survey giet konstatata l-hsara u nuqqasijiet li kien hemm fil-universal measuring system importata, liema hsara u nuqqasijiet gew stmati fl-ammont ta' LM1500 eskluz VAT.
9. Peter Bonello ghas-socjeta' Cargo Handling Co Ltd ma' setax jikkonferma dwar il-hsarat peress illi dawna tnizzlu full load containers u hargu bhala tali. Rilevanti pero' illi mit-tally sheet ma' jirrizultax illi il-container kellu hsara esterna. Dok PB1 sa PB4.
10. Il-konvenut jikkonferma illi l-apparat kien ingieb mill-Olanda, u Sullivan Maritime Ltd kien mqabbdin biex jittrasportaw dan l-apparat. Meta' l-apparat wasal Malta, il-konvenut kien qabbad lil-Freight Services Ltd sabiex jiehdu hsieb it-trasport tieghu ghall- garage tal-assigurat. Fil-fatt, dawna qabbdu burdnar, Angelo Farrugia biex jittrasportah ghall-garage tal-assigurat. Skond l-istess konvenut, meta l-kaxxa kienet ghadha fuq it-truck, innota illi kellha l-ghatu miftuh, u ghalhekk cemplu lill-assigurazjoni.
11. Skont Gordon Axiak supervisor ma' Gasan Mamo Insurance l-assigurat kien infurmhom li kien hemm ftehim bejnu u l-konvenut li jgiblu din il-merkanzja Malta, u li Fsadni kellu jassigura l-istess merkanzija. Fil-fatt, il-

merkanzija giet impurtata f'isem il-konvenut, u ngarret minn Sullivan Maritime Ltd.

12. It-Tribunal jinnota illi ma' hemm ebda notament fir-release order Dok D pero' skond ma xehed Victor Gruppetta, Principal fir-records office tad-dwana, jirrizulta li ma saret ebda spezzjoni mill-fizzjali tad-dwana dwar il-merkanzija in kwistjoni.

13. Jigi rilevat illi, definittivament, l-inqas wiehed illi seta' jholl il-matassa kien il-burdnar li mix-xhieda tieghu ma' ftakar xejn dwar il-kwistjoni.

14. Skond id Dok SM1 esebit, meta' il-merkanzija tghabbiet fil-container, ma' kien hemm ebda kummenti.

15. Mil-form 1C, il-formula li timtela wara li jinfetah il-container u jkun gie surveyed u rawh it-tally clerks, ma ' jirrizulta li hemm ebda  rimarki.

16. Salvino Zammit, bond operator ma Tristar Freight Services jghid li rimarki ma' tnizzlux meta' tnizzlet il-merkanzija mil-container u ghaddewha lil Sullivan Maritime Ltd, peress li ma' rawx danni.

17. Ghalhekk, tenut kont ta' dak li ntqal, jirrizulta bic-cert illi l-attur kellu relazzjoni kontrattwali mal-konvenut u kien hemm l-obblgu li l-istess attur jiehu hsieb jassigura l-apparat. Ma' rrizultax illi l-assigurat tas-socjeta' attrici kellu relazzjoni gjuridika mas- socjeta' kjamat in kawza Sullivan Marritime Ltd. Anzi mix-xhieda ta' Jonathan Mallia credit controller tas-socjeta' kjamata in kawza, kienet Waterways Rotterdam li inkarigathom biex jiehdu hsieb il-container. Ghalhekk, is-socjeta' kjamata in kawza ghandha tigi liberata mill-ossevanza tal-gudizzju.

18. Il-punt, fil-fehma tat-Tribunal, jirrisolvi ruhu dwar il-fatt illi l-attur kien ordna minn ghand il-konvenut. Il-konvenut kien qed ibiegh lill-attur Universal Measuring System. Il-fatt illi din giet konsenjata lilu danneggjata u bil-bicciet neqsin, u tenut kont illi l-attur kien hallas ghaliha, iwassal lit-Tribunal biex jikkonkludi li l-unika wiehed illi ghandu jirrispondi ghad-danni f'dan il-kaz huwa l-istess konvenut. Id-danni reklamati jirrizultaw fl-ammont ta' LM1500 (elf u hames mitt lira).

Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' l-eccezzjoni sollevata mill-kjamati in kawza dwar li ma' ghandha ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u ma l-assigurat taghha u

konsegwentement jillibera lill-istess kjamat in kawza mill-osservanza tal-gudizzju. It-Tribunal inoltre qed isib il-konvenut unikament responsabbli ghad-danni li sofra l-assigurat tas-socjeta' attrici u konsegwentement jikkundannah ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' (elf u hames mitt lira) LM1500 bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-lum.
L-ispejjez ta dina l-istanza, inkluzi dawk tal-kjamati in kawza, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut."

Il-konvenut appella minn din is-sentenza bl-ilment principali illi r-ragunar tat-Tribunal kien wiehed zbaljat u mhux bazat fl-ekwita`. Huwa jaghmel din is-sottomissjoni ghaliex fil-fehma tieghu huwa gie kkundannat jaghmel tajjeb ghal danni li ma kkagunahomx hu;

Jidher li ghar-rizoluzzjoni tal-kwestjoni involuta f' dan l-appell jokkorri li jigi precizat ir-rapport negozjali intervenut bejn il-partijiet;

Mill-fatti attendibbli fil-process huwa pacifiku illi Brian Fsadni, l-assigurat tas-socjeta` assiguratrici attrici, ippjazza ordni mal-konvenut appellant, *qua* importatur, ghax-xiri ta' apparat konsistenti f' Universal Measuring System ghall-uzu tal-kalibrar tal-vetturi. Dan l-apparat kellu jingieb mill-Olanda skond l-impenn assunt mill-konvenut. Effettivament hemm qbil li l-konvenut inkariga ruhu mill-process tat-trasport ta' dan l-apparat, mentri Brian Fsadni ha hsieb l-assikurazzjoni tieghu. Gara li meta dan l-istess apparat twassal fil-garaxx ta' Fsadni irrizulta li dan kien danneggjat, ossija b' *parts* minnu neqsin u derubati (ara Survey Reports a fol. 21 24 u Inspection Report ta' l-Inginjier Raymond Spiteri a fol. 40). Dwar dan jidher li ma tezisti ebda kontestazzjoni. Lanqas ma jezisti kuntrast dwar l-ammont tar-rizarciment li s-socjeta` assiguratrici attrici hallset lil Brian Fsadni (ara Subrogation Form a fol. 20), anke ghaliex din is-somma kompensatorja tikkorrispondi ghall-ammont stabbilit mill-

istess konvenut appellant ghar-rimpjazzar tal-*parts*, nieqsa jew danneggjati (ara dokument ta' stima a fol. 42);

Premessi dawn il-fatti pacifici, jidher li d-diverbju principali bejn il-kontendenti jaggira fuq il-konsiderazzjoni sostenuta mill-appellanti illi gjaladarba gie stabbilit illi d-dannu avvera ruhu fil-kors tal-garr huwa ma ghandux jigi ritenut fi htija. Biex isahhah din id-difiza tieghu l-appellanti jissottometti illi fil-kontrattazzjoni li sehhet bejnu u Brian Fsadni huwa kellu l-vesti ta' mandatarju ghan-nom ta' l-istess Brian Fsadni u konsegwentement ma ghandux jigi akkollat ebda responsabilita` ghad-dannu konsegwenti fl-apparat importat. Bil-kontra, is-socjeta` appellata tikkontendi illi l-konvenut kien venditur u f' din il-veste kellu l-obbligu li jikkunsinna l-haga;

Qabel kull kunsiderazzjoni ohra jinhass opportun li jsiru dawn l-osservazzjonijiet preliminarji:-

(1) Kif jinghad fl-istess rikors ta' l-appell, il-konvenut appellanti jaccetta li n-negozju konkordat bejnu u Brian Fsadni kien dak ta' bejgh. Huwa, imbaghad, izid jaggungi, b' rikjam ghall-Artikolu 1347 Kodici Civili, illi gjaldarba ntlahaq il-ftehim, ir-riskju ghadda fuq ix-xerrej tieghu;

(2) Din il-kompravendita ma kienetx wahda ordinarja u semplici in kwantu kienet tinvolvi bejgh ta' oggett li kellu jigi mportat u trasportat mill-esteru;

(3) *Qua* xerrej, Brian Fsadni ma kellu ebda konnessjoni la mad-ditta estera li ssupplixxiet l-apparat u wisq anqas ma' min ha hsieb it-trasport tieghu. Fil-fatt Brian Fsadni ma jiffigura fl-ebda dokument. Dan bil-kontra tal-konvenut, kif manifest mill-House Bill of Lading ta' Waterways Rotterdam (fol. 152), l-*invoice* ta' Sullivan Maritime Ltd dwar *freight charges* (fol. 51) u r-Release Order tad-Dwana (fol. 49). Jista' jinghad ghalhekk li l-unika relazzjoni tax-xerrej kienet biss mal-konvenut, u li

dan biss ivversa l-hlasijiet ta’ l-appart. Ara kopji tac-cekkijiet (fol. 85 sa fol. 87);

(4) Kien il-konvenut li ha hsieb l-importazzjoni ta’ l-apparat u kien hu li assuma l-inkarigu ghat-trasport tieghu bl-art u bil-bahar. Ghax-xerrej l-arrangamenti li saru mill-appellanti dwar l-operazzjonijiet tal-garr kienu *res inter alios acta*;

(5) Il-konvenut ma kienx l-agent jew mandatarju tal-kompratur. Huwa agixxa mat-terzi trasportaturi f’ ismu personali, kif muri fil-precitati dokumenti. Max-xerrej, invece, huwa obbliga ruhu li jikkompleta l-ftehim tal-bejgh raggunt billi jikkonsenjalu l-apparat;

Mill-premessi osservazzjonijiet jemergi illi, kif dettat mil-ligi, l-appellanti, *qua* venditur, kellu l-obbligu li jikkunsinna l-apparat vendut (Artikolu 1378, Kodici Civili). Dan l-obbligu jgib mieghu li l-apparat jigi kkunsinnat fl-istat li kien jinsab fiz-zmien tal-bejgh (Artikolu 1393), kompriz f’ dan, il-kunsinna ta’ l-accessorji u ta’ dak kollu li ghandu jservi ghall-uzu ta’ dejjem ta’ l-apparat innifsu (Artikolu 1398, Kodici Civili);

Kif gja inghad, f’ din il-vicenda kontrattwali tal-bejgh inserixxa ruhu l-kuntratt tat-trasport bhala modalita` ezekuttiva tal-ftehim. Gjaldadarba kien assunt mill-appellanti l-obbligu tat-trasport u gjaldarba wkoll taggrava fuqu l-prova li hu kkonsenja l-apparat pattwit, ahjar illustrat fid-dokumenti esebiti minn fol. 43 sa fol. 48, fl-istat tajjeb u gdid li presumibilment kien fil-mument tal-kontrattazzjoni, l-appellanti venditur ma jistax jippretendi li jista’ jillibera ruhu mill-obbligu ta’ tali konsenja f’ kundizzjoni tajba ghax l-oggett ikun gie fdat f’ idejn it-trasportatur jew spedizzjonjier u f’ din l-operazzjoni hu kien sempliciment l-mandatarju tad-destinatarju ta’ l-oggett;

Kontra dan ir-ragonament jigi fl-ewwel lok osservat illi hi regola tad-dritt illi “*quando il mandatario nell’ atto della*

*contrattazione non rivela il nome del mandante, per il quale tratta l' affare, egli agisce in proprio nomine, e il mandante non ha azione contro i terzi, e questi non hanno azione contro il mandante*" (**Kollez. Vol. IX pagna 759**; Artikolu 1871, Kodici Civili). F' dan il-kaz kien proprju l-istess appellanti li kkontratta l-garr u dan ghamlu f' ismu personali u minghajr ma iddivulga ma' min ikkuntratta l-isem tal-veru destinatarju ta' l-apparat. Dwar dan gja sar accenn ampju aktar 'il fuq;

Fit-tieni lok, una volta skartata l-figura guridika ta' mandatarju pretiza mill-appellant, l-adempiment tieghu *qua* bejjiegh ma ntemmx mal-konsenja ta' l-oggett lill-vettural izda biss meta l-oggett gie konsenjat fid-domicilju jew il-garaxx tax-xerrej;

Ma jista' qatt ikun dubitat illi n-norma kontemplata fl-Artikolu 1393, Kodici Civili hi kjarament mahsuba b' riferiment ghal bejgh ta' haga specifika. Ghaldaqstant meta, bhal f' dan il-kaz, il-konsenja tkun trid tigi effettwata f' mument successiv ghall-konkluzjoni tan-negozju, jaggrava fuq il-venditur l-obbligu tal-kustodja tal-haga, anke jekk fil-kors ta' l-*iter* ikun hemm l-involviment ta' terzi. Dan l-obbligu hu ben raffigurat fid-dispost ta' l-Artikolu 1126 (1) tal-Kodici Civili li jipprovdi li l-obbligazzjoni tal-konsenja tal-haga tinkludi dik tal-konservazzjoni taghha "*uti bonus paterfamilias*" sa l-effettiva konsenja;

Minn dan jitnissel illi jekk fil-mument tal-konsenja l-oggett jirrizulta inadatt jew danneggjat – u f' dan il-kaz l-ezistenza tad-dannu mhix in kwestjoni – il-konvenut venditur, hekk responsabbli mill-kustodja tal-haga, ma jistax jezimi ruhu mill-hitja billi jaddebitaha fuq terzi li kienu ko-involti fit-trasport taghha. F' kaz bhal dan huwa iniffsu u personalment jirrispondi ghal fatt kolpuz tat-trasportatur, salv kull dritt ta' rigress li hu jista' jkollu kontra dan. Jibqa' dejjem li l-htija tal-konvenut fil-konfront tax-xerrej tohrog mill-fatt ta' l-inkarigu li kellu u mill-fatt tan-nuqqasijiet fl-

oggett vendut ghal liema s-socjeta` appellata qed tesigi kumpens;

Fermi dawn il-konsiderazzjonijiet, ma jidherx illi t-Tribunal ippekka fir-ragonament tieghu.  Lanqas ma jidher li l-konkluzjoni raggunta tiddifetta minn vizzji logici ta' fatt u ta' dritt.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tichad l-appell interpost u b' hekk tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' din l-istanza jitbatew mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------